2024/1652

10.6.2024

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2024/1652

tat-30 ta' Mejju 2024

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-importazzjonijiet tal-Unjoni ta' ċereali, żrieragħ taż-żejt u prodotti derivati kif ukoll ta' pellets tal-polpa tal-pitravi u piżelli niexfa żdiedu b'mod sinifikanti mill-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa fl-24 ta' Frar 2022.

(2) Għalkemm il-Federazzjoni Russa għadha fornitur relattivament żgħir taċ-ċereali, taż-żrieragħ taż-żejt u tal-prodotti derivati kif ukoll tal-pellets tal-polpa tal-pitravi u l-piżelli niexfa għas-suq tal-Unjoni, hija produttur u esportatur dinji ewlieni ta' dawk il-prodotti. Minħabba l-volumi attwali tagħha ta' esportazzjonijiet lejn id-dinja, il-Federazzjoni Russa tista' faċilment u malajr torjenta mill-ġdid volumi sinifikanti ta' provvisti ta' dawk il-prodotti lejn l-Unjoni, u b'hekk tikkawża influss f'daqqa ta' prodotti mill-ħażniet kbar eżistenti tagħha, u b'hekk tfixkel is-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, hemm evidenza li l-Federazzjoni Russa bħalissa qiegħda taħtaf illegalment volumi kbar ta' ċereali u żrieragħ taż-żejt prodotti f'territorji tal-Ukrajna li hija tokkupa illegalment, u qed tidderiġihom lejn is-swieq tal-esportazzjoni tagħha bħala prodotti allegatament Russi.

(3) Id-dazji doganali komuni *erga omnes* tal-Unjoni huma t-tariffi tan-nazzjon l-aktar iffavorit (MFN) applikati bħalissa fuq l-importazzjonijiet taċ-ċereali, taż-żrieragħ taż-żejt u tal-prodotti derivati kif ukoll tal-pellets tal-polpa tal-pitravi u l-piżelli niexfa u dawn ivarjaw ħafna. Skont il-prodott ikkonċernat, dawk it-tariffi jew huma stabbiliti għal żero jew huma baxxi ħafna, jew diġà huma għoljin u ma jsir l-ebda kummerċ.

(4) Huwa meħtieġ li jittieħdu miżuri tariffarji xierqa sabiex jiġi evitat li ċ-ċereali, iż-żrieragħ taż-żejt u l-prodotti derivati kif ukoll il-pellets tal-polpa tal-pitravi u l-piżelli niexfa li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa jkomplu jidħlu fis-suq tal-Unjoni b'termini li jkunu ugwalment favorevoli meta dawk il-prodotti jkollhom oriġini mhux preferenzjali oħra. Dawk il-miżuri tariffarji xierqa huma mistennija li jikkontribwixxu biex jipprevjenu lill-Federazzjoni Russa milli tidderiġi kwantitajiet sinifikanti ta' dawk il-prodotti lejn l-Unjoni biex iddgħajjifha politikament u ekonomikament, u b'hekk tfixkel is-suq tal-Unjoni, toħloq tensjonijiet u frizzjonijiet soċjetali fl-Unjoni u thedded il-funzjonament tajjeb tal-unjoni doganali. Dik it-theddida tqieset skont l-Artikolu 32, il-punt (d), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għalhekk, jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex jiġi evitat tfixkil serju fl-ekonomiji tal-Istati Membri skont l-Artikolu 31 tiegħu.

(5) Jenħtieġ li jittieħdu miżuri tariffarji xierqa simultanjament fir-rigward tar-Repubblika tal-Belarussja sabiex jiġi evitat li l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-Federazzjoni Russa jgħaddu mir-Repubblika tal-Belarussja, minħabba r-rabtiet politiċi u ekonomiċi mill-qrib tagħha mar-Russja, fejn it-tariffi tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet ta' merkanzija rilevanti mir-Repubblika tal-Belarussja baqgħu l-istess.

(6) Għaldaqstant, l-importazzjonijiet taċ-ċereali, taż-żrieragħ taż-żejt u tal-prodotti derivati kif ukoll tal-pellets tal-polpa tal-pitravi u l-piżelli niexfa li joriġinaw jew li, b'mod dirett jew indirett, jiġu esportati mill-Federazzjoni Russa jew mir-Repubblika tal-Belarussja jenħtieġ li jkunu soġġetti għal dazji doganali ogħla minn importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, kull meta d-dazji doganali applikabbli bħalissa jkunu stabbiliti għal żero jew ma jkunux għoljin biżżejjed. Fejn dawk il-prodotti ma joriġinawx mill-Federazzjoni Russa jew mir-Repubblika tal-Belarussja jew ma jiġux esportati b'mod dirett jew indirett minnhom, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal dawk id-dazji doganali ogħla, anki meta jgħaddu mill-Federazzjoni Russa jew mir-Repubblika tal-Belarussja.

(7) Barra minn hekk, il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Belarussja jenħtieġ li ma jibbenefikawx mill-kwoti tariffarji tal-Unjoni fuq termini tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit. Għalhekk, jenħtieġ li r-rati mnaqqsa stabbiliti fil-kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-prodotti stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma japplikawx għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa jew fir-Repubblika tal-Belarussja jew li, b'mod dirett jew indirett, huma esportati minnhom.

(8) Iż-żieda prevista fid-dazji doganali mhijiex mistennija li taffettwa b'mod negattiv is-sigurtà globali tal-ikel peress li ma taffettwax it-tranżitu tal-prodotti kkonċernati mit-territorju tal-Unjoni lejn pajjiżi terzi tad-destinazzjoni finali. Għall-kuntrarju, iż-żieda fid-dazji tal-importazzjoni tal-Unjoni tista' twassal għall-esportazzjoni ta' dawk il-prodotti lejn pajjiżi terzi u żżid id-disponibbiltà tal-provvisti.

(9) Iż-żieda fid-dazji doganali prevista hija konsistenti mal-azzjoni esterna tal-Unjoni f'oqsma oħra, kif meħtieġ mill-Artikolu 21(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). L-istat tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Federazzjoni Russa żviluppa b'mod negattiv ħafna matul dawn l-aħħar snin, b'deterjorament partikolari matul l-aħħar sentejn minħabba n-nuqqas ta' rispett sfaċċat tal-Federazzjoni Russa għad-dritt internazzjonali u, b'mod partikolari, l-invażjoni sħiħa mhux provokata u mhux ġustifikata tagħha tal-Ukrajna. Minn Lulju 2014, l-Unjoni imponiet progressivament miżuri restrittivi kontra l-Federazzjoni Russa.

(10) Filwaqt li l-Federazzjoni Russa hija Membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Unjoni hija ħielsa, bis-saħħa tal-eċċezzjonijiet li japplikaw skont il-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-"Ftehim tad-WTO"), u b'mod partikolari l-Artikolu XXI (Eċċezzjonijiet dwar is-Sigurtà)tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994, mill-obbligu li tagħti lill-prodotti importati mill-Federazzjoni Russa l-vantaġġi mogħtija lil prodotti simili importati minn pajjiżi oħra (it-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit).

(11) Is-sitwazzjoni bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Belarussja ddeterjorat ukoll matul dawn l-aħħar snin, minħabba n-nuqqas ta' rispett tar-reġim Belarussu għad-dritt internazzjonali, inkluż il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, u l-appoġġ tiegħu għall-gwerra tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Minn Ottubru 2020, l-Unjoni imponiet progressivament miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Belarussja.

(12) Peress li r-Repubblika tal-Belarussja mhijiex Membru tad-WTO, l-Unjoni mhijiex obbligata, bis-saħħa tal-Ftehim tad-WTO, li tagħti lil prodotti mir-Repubblika tal-Belarussja trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit. Barra minn hekk, il-ftehimiet kummerċjali eżistenti jippermettu azzjonijiet ġustifikati abbażi ta' klawżoli ta' eċċezzjoni applikabbli, b'mod partikolari eċċezzjonijiet ta' sigurtà.

(13) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq, biex jintlaħaq l-għan bażiku li jiġi żgurat li ċ-ċereali, ż-żrieragħ taż-żejt u l-prodotti derivati kif ukoll il-pellets tal-polpa tal-pitravi u l-piżelli niexfa mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarussja ma jfixklux is-suq tal-Unjoni għal dawk il-prodotti jew il-funzjonament tajjeb tal-unjoni doganali, li jiġu stabbiliti regoli li jżidu t-tariffi fuq dawk il-prodotti b'effett immedjat. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi segwiti skont l-Artikolu 5(4) tat-TUE.

(14) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 [1] jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2024. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Mejju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LAHBIB

ANNESS

Fit-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, għall-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) li jikkorrispondu mal-kodiċijiet NM elenkati fil-kolonna 1 tat-tabella li ġejja, it-test u n-noti f'qiegħ il-paġna fil-kolonna 3 tal-iskeda tad-dazji doganali huma sostitwiti bit-test u n-noti f'qiegħ il-paġna fil-kolonna 3 tat-tabella li ġejja:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)
1	2	3
07	Ħaxix u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel	
0713	Ħaxix leguminuż imnixxef, mingħajr qoxra ta' barra, kemm jekk mingħajr qoxra ta' ġewwa jew imxerraħ u kemm jekk le:	
0713 10	- Piżelli (Pisum sativum):	
0713 10 10	-- Għaż-żrigħ	Eżenti (6)
0713 10 90	-- Oħrajn	Eżenti (6)
0713 20 00	- Ċiċri (garbanzos)	Eżenti (6)
10	Ċereali	
1001	Qamħ u meslin:	
	- Qamħ durum:	
1001 11 00	-- Żerriegħa	148 €/t (1) (4)
1001 19 00	-- Oħrajn	148 €/t (1) (2) (4)
	- Oħrajn:	
1001 91	-- Żerriegħa:	
1001 91 10	--- Spelt (3)	12,8 (5)
1001 91 20	-- Qamħ komuni u meslin	95 €/t (1) (4)
1001 91 90	--- Oħrajn	95 €/t
1001 99 00	-- Oħrajn	95 €/t (1) (2) (4)
1002	Segala:	
1002 10 00	- Żerriegħa	93 €/t (1) (4)
1002 90 00	- Oħrajn	93 €/t (1) (4)
1003	Xgħir:	

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)
1	2	3
1003 10 00	- Żerriegħa	93 €/t (2)
1003 90 00	- Oħrajn	93 €/t (2)
1005	Qamħirrum:	
1005 10	- Żerriegħa:	
	-- Ibridi (3):	
1005 10 13	--- Ibridi ta' tliet inkroċji	Eżenti (5)
1005 10 15	--- Ibridi sempliċi	Eżenti (5)
1005 10 18	--- Oħrajn	Eżenti (5)
1005 10 90	-- Oħrajn	94 €/t (1) (2) (4)
1005 90 00	- Oħrajn	94 €/t (1) (2) (4)
1007	Sorgu tal-ħabb:	
1007 10	- Żerriegħa:	
1007 10 10	-- Ibridi (3)	6,4 (5)
1007 10 90	-- Oħrajn	94 €/t (1) (2) (4)
1007 90 00	- Oħrajn	94 €/t (1) (2) (4)
1008	Qamħ saraċin, millieġ u skalora; ċereali oħrajn:	
1008 10 00	- Qamħ saraċin	37 €/t (5)
	- Millieġ:	
1008 21 00	-- Żerriegħa	56 €/t (2) (5)
1008 29 00	-- Oħrajn	56 €/t (2) (5)
1008 30 00	- Skalora	Eżenti (5)
1008 40 00	- Fonio (Digitaria spp.)	37 €/t (5)
1008 50 00	- Kinoa (Chenopodium quinoa)	37 €/t (5)
1008 90 00	- Ċereali oħrajn	37 €/t (5)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)
1	2	3
11	Prodotti tal-industrija tat-ħin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ	(6)
1106	Dqiq, grixa u trab tal-ħaxix leguminuż imnixxef tal-intestatura 0713, tas-sagu jew tal-għeruq jew tat-tuberi tal-intestatura 0714 jew tal-prodotti tal-Kapitolu 8:	
1106 10 00	- Tal-ħaxix leguminuż imnixxef tal-intestatura 0713	7,7 (6)
12	Żrieragħ u frott żejtnin; ħbub, żrieragħ u frott mixxellanji; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u foraġġ	
1201	Fażola tas-sojja, kemm jekk imkissra u kemm jekk le:	
1201 10 00	- Żerriegħa (3)	Eżenti (6)
1201 90 00	- Oħrajn	Eżenti (6)
1202	Karawett, mhux inkaljat jew imsajjar mod ieħor, kemm jekk imqaxxar jew imkisser u kemm jekk le:	
1202 30 00	- Żerriegħa (3)	Eżenti (6)
	- Oħrajn:	
1202 41 00	-- Bil-qoxra	Eżenti (6)
1202 42 00	-- Imqaxxra, kemm jekk imkissra u kemm jekk le	Eżenti (6)
1203 00 00	Kopra	Eżenti (6)
1204 00	Żerriegħa tal-kittien, kemm jekk imkissra u kemm jekk le:	
1204 00 10	- Għaż-żrigħ (3)	Eżenti (6)
1204 00 90	- Oħrajn	Eżenti (8)
1205	Żerriegħa tal-lift jew tal-kolza, kemm jekk imkissra u kemm jekk le:	
1205 10	- Żerriegħa tal-lift jew tal-kolza b'aċidu eruċiku baxx:	
1205 10 10	-- Għaż-żrigħ (3)	Eżenti (6)
1205 10 90	-- Oħrajn	Eżenti (6)
1205 90 00	- Oħrajn	Eżenti (6)
1206 00	Żerriegħa tal-ġirasol, kemm jekk imkissra u kemm jekk le:	
1206 00 10	- Għaż-żrigħ (3)	Eżenti (6)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)
1	2	3
	- Oħrajn:	
1206 00 91	-- Imqaxxra; b'qoxra rrigata griż bl-abjad	Eżenti (6)
1206 00 99	-- Oħrajn	Eżenti (6)
1207	Żrieragħ u frott żejtnin oħrajn, kemm jekk imkissrin u kemm jekk le:	
1207 10 00	- Ġewż tal-palm u l-qlub tagħhom	Eżenti (6)
	- Żerriegħa tal-qoton:	
1207 21 00	-- Żerriegħa (3)	Eżenti (6)
1207 29 00	-- Oħrajn	Eżenti (6)
1207 30 00	- Żerriegħa taż-żejt tar-riġnu	Eżenti (6)
1207 40	- Żerriegħa tal-ġunġlien:	
1207 40 10	-- Żerriegħa (3)	Eżenti (6)
1207 40 90	-- Oħrajn	Eżenti (6)
1207 50	- Żerriegħa tal-mustarda:	
1207 50 10	-- Żerriegħa (3)	Eżenti (6)
1207 50 90	-- Oħrajn	Eżenti (6)
1207 60 00	- Żerriegħa tal-għosfor (*Carthamus tinctorius*)	Eżenti (6)
1207 70 00	- Żerriegħa tal-bettieħ	Eżenti (6)
	- Oħrajn:	
1207 91	-- Żerriegħa tal-pepprin:	
1207 91 10	--- Żerriegħa (3)	Eżenti (6)
1207 91 90	--- Oħrajn	Eżenti (6)
1207 99	-- Oħrajn:	
1207 99 20	--- Żerriegħa (3)	Eżenti (6)
	--- Oħrajn:	

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)
1	2	3
1207 99 91	---- Qannebusa	Eżenti (6)
1207 99 96	---- Oħrajn	Eżenti (6)
1208	Dqiq u grixi taż-żrieragħ jew tal-frott żejtnin, għajr dawk tal-mustarda:	
1208 10 00	- Tal-fażola tas-sojja	4,5 (6)
1208 90 00	- Oħrajn	Eżenti (6)
14	Materjal tad-dfir veġetali; prodotti veġetali li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra	
1404	Prodotti veġetali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:	
1404 90 00	- Oħrajn	Eżenti (6)
15	Xaħmijiet u żjut tal-annimali, veġetali jew mikrobiċi u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel, xemgħat tal-annimali jew veġetali	
1507	Żejt tal-fażola tas-sojja u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux immodifikat kimikament:	
1507 10	- Żejt grezz, kemm jekk imnaddaf mill-gomma u kemm jekk le:	
1507 10 10	-- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem (7)	3,2 (6)
1507 10 90	-- Oħrajn	6,4 (6)
1507 90	- Oħrajn:	
1507 90 10	-- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem (7)	5,1 (6)
1507 90 90	-- Oħrajn	9,6 (6)
1508	Żejt tal-karawett u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux immodifikat kimikament:	
1508 10	- Żejt grezz:	
1508 10 10	-- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem (7)	Eżenti (6)
1508 10 90	-- Oħrajn	6,4 (6)
1508 90	- Oħrajn:	

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)
1	2	3
1508 90 10	-- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem ([7])	5,1 ([6])
1508 90 90	-- Oħrajn	9,6 ([6])
1512	Żejt taż-żerriegħa tal-ġirasol, tal-għosfor jew taż-żerriegħa tal-qoton u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux immodifikati kimikament:	
	- Żejt taż-żerriegħa tal-ġirasol jew tal-għosfor u l-frazzjonijiet tiegħu:	
1512 11	-- Żejt grezz:	
1512 11 10	--- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem ([7])	3,2 ([6])
	--- Oħrajn:	
1512 11 91	---- Żejt taż-żerriegħa tal-ġirasol	6,4 ([6])
1512 11 99	---- Żejt tal-għosfor	6,4 ([6])
1512 19	-- Oħrajn:	
1512 19 10	--- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem ([7])	5,1 ([6])
1512 19 90	--- Oħrajn	9,6 ([6])
	- Żejt taż-żerriegħa tal-qoton u l-frazzjonijiet tiegħu:	
1512 21	-- Żejt grezz, kemm jekk tneħħa l-gossipol u kemm jekk le:	
1512 21 10	--- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem ([7])	3,2 ([6])
1512 21 90	--- Oħrajn	6,4 ([6])
1512 29	-- Oħrajn:	
1512 29 10	--- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem ([7])	5,1 ([6])
1512 29 90	--- Oħrajn	9,6 ([6])
1514	Żejt tal-lift, tal-kolza jew tal-mustarda u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament:	
	- Żejt tal-lift jew tal-kolza b'aċidu eruċiku baxx u l-frazzjonijiet tiegħu:	
1514 11	-- Żejt grezz:	

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)
1	2	3
1514 11 10	--- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem (7)	3,2 (6)
1514 11 90	--- Oħrajn	6,4 (6)
1514 19	-- Oħrajn:	
1514 19 10	--- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem (7)	5,1 (6)
1514 19 90	--- Oħrajn	9,6 (6)
	- Oħrajn:	
1514 91	-- Żejt grezz:	
1514 91 10	--- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem (7)	3,2 (6)
1514 91 90	--- Oħrajn	6,4 (6)
1514 99	-- Oħrajn:	
1514 99 10	--- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem (7)	5,1 (6)
1514 99 90	--- Oħrajn	9,6 (6)
1515	Xaħmijiet u żjut veġetali jew mikrobiċi fissi oħrajn (inkluż iż-żejt tal-jojoba) u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament:	
	- Żejt tal-kittien u l-frazzjonijiet tiegħu:	
1515 11 00	-- Żejt grezz	3,2 (6)
1515 19	-- Oħrajn:	
1515 19 10	--- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem (7)	5,1 (6)
1515 19 90	--- Oħrajn	9,6 (6)
	- Żejt tal-qamħirrum u l-frazzjonijiet tiegħu:	
1515 21	-- Żejt grezz:	
1515 21 10	--- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem (7)	3,2 (6)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)
1	2	3
1515 21 90	--- Oħrajn	6,4 (6)
1515 29	-- Oħrajn:	
1515 29 10	--- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem (7)	5,1 (6)
1515 29 90	--- Oħrajn	9,6 (6)
1515 90	- Oħrajn:	
	-- Żjut oħrajn u l-frazzjonijiet tagħhom:	
	--- Żjut grezzi:	
1515 90 40	---- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem (7)	3,2 (6)
	---- Oħrajn:	
1515 90 51	----- Solidi, f'pakki immedjati ta' kontenut nett li ma jaqbiżx il-1 kg	12,8 (6)
1515 90 59	----- Solidi, oħrajn; fluwidi	6,4 (6)
	--- Oħrajn:	
1515 90 60	---- Għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem (7)	5,1 (6)
	---- Oħrajn:	
1515 90 91	----- Solidi, f'pakki immedjati ta' kontenut nett li ma jaqbiżx il-1 kg	12,8 (6)
1515 90 99	----- Solidi, oħrajn; fluwidi	9,6 (6)
1516	Ix-xaħmijiet u ż-żjut tal-annimali, veġetali jew mikrobiċi u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, esterifikati bejniethom, riesterifikati jew elajdinizzati, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux ippreparati mod ieħor:	
1516 20	- Xaħmijiet u żjut veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom:	
	-- Oħrajn:	
1516 20 91	--- F'pakki immedjati ta' kontenut nett li ma jaqbiżx il-1 kg	12,8 (6)
	--- Oħrajn:	

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)
1	2	3
1516 20 95	---- Żjut tal-kolza, taż-żerriegħa tal-kittien, taż-żerriegħa tal-lift, taż-żerriegħa tal-ġirasol, tal-illipe, tal-karite, tal-makore, tat-touloucouna jew tal-babassu, għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem (7)	5,1 (6)
	---- Oħrajn:	
1516 20 96	----- Żjut tal-karawett, taż-żerriegħa tal-qoton, tal-fażola tas-sojja jew taż-żerriegħa tal-ġirasol; żjut oħrajn li fihom inqas minn 50 % skont il-piż aċidi xaħmin ħielsa u ħlief iż-żjut tal-lewż tal-palm, tal-illipe, tal-ġewż tal-Indi, tal-kolza, taż-żerriegħa tal-lift jew tal-copaiba	9,6 (6)
1516 20 98	----- Oħrajn	10,9 (6)
1518 00	Ix-xaħmijiet u ż-żjut tal-annimali, veġetali jew mikrobiċi u l-frazzjonijiet tagħhom, mgħollijin, ossidizzati, deidrati, sulfurizzati, minfuħin, polimerizzati bis-sħana ġewwa vakwu jew ġewwa gass inerti jew modifikati kimikament mod ieħor, ħlief dawk tal-intestatura 1516; it-taħlitiet jew il-preparati tax-xaħmijiet jew taż-żjut tal-annimali, veġetali jew mikrobiċi li ma jistgħux jittieklu jew tal-frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti ta' dan il-kapitolu, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra:	
	- Żjut veġetali fissi, fluwidi, imħalltin, għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem (7):	
1518 00 31	-- Grezz	3,2 (6)
1518 00 39	-- Oħrajn	5,1 (6)
	- Oħrajn	
1518 00 91	-- Ix-xaħmijiet u ż-żjut tal-annimali, veġetali jew mikrobiċi u l-frazzjonijiet tagħhom, mgħollijin, ossidizzati, deidrati, sulfurizzati, minfuħin, polimerizzati bis-sħana ġewwa vakwu jew ġewwa gass inerti jew immodifikati kimikament mod ieħor, ħlief dawk tal-intestatura 1516	7,7 (6)
	-- Oħrajn:	
1518 00 95	--- Taħlitiet jew preparati tax-xaħmijiet u taż-żjut tal-annimali, jew tal-annimali u veġetali jew mikrobiċi li ma jistgħux jittieklu u l-frazzjonijiet tagħhom	2 (6)
1518 00 99	--- Oħrajn	7,7 (6)
23	Residwi u skart mill-industriji tal-ikel; foraġġ tal-annimali ppreparat	
2302	Nuħħala, qxura u residwi oħrajn, kemm fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, ġejjin mit-tnaqqija, mit-tħin jew minn xogħol ieħor fuq iċ-ċereali jew fuq il-pjanti leguminużi:	
2302 30	- Tal-qamħ:	

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)
1	2	3
2302 30 10	-- Li l-kontenut ta' lamtu ma jaqbiżx it-28 % skont il-piż, u li l-proporzjon tiegħu li jgħaddi minn għarbiel b'apertura ta' 0,2 mm ma jaqbiżx l-10 % skont il-piż jew inkella l-proporzjon li jgħaddi mill-passatur għandu kontenut ta' rmied, ikkalkulat fuq il-prodott niexef, ta' 1,5 % jew aktar skont il-piż	44 €/t [2] [5]
2302 30 90	-- Oħrajn	89 €/t [2]
2302 40	- Ta' ċereali oħrajn:	
	-- Oħrajn:	
2302 40 10	--- Li l-kontenut ta' lamtu ma jaqbiżx it-28 % skont il-piż, u li l-proporzjon tiegħu li jgħaddi minn passatur b'apertura ta' 0,2 mm ma jaqbiżx l-10 % skont il-piż jew inkella l-proporzjon li jgħaddi mill-għarbiel għandu kontenut ta' rmied, ikkalkulat fuq il-prodott niexef, ta' 1,5 % jew aktar skont il-piż	44 €/t [2] [5]
2302 40 90	--- Oħrajn	89 €/t [2]
2303	Residwi tal-manifattura tal-lamtu u residwi simili, polpa tas-selq, bagasse u skart ieħor tal-manifattura taz-zokkor, fond u skart mill-fermentazzjoni jew mid-distillar, kemm jekk fil-forma ta' pellets u kemm jekk le:	
2303 10	- Residwi tal-manifattura tal-lamtu u residwi simili:	
	-- Residwi mill-manifattura tal-lamtu mill-qamħirrum (ħlief il-likuri kkonċentrati mit-tixrib) b'kontenut ta' proteini, ikkalkulat fuq il-prodott niexef:	
2303 10 11	--- Li jaqbeż l-40 % skont il-piż	320 €/t [2]
2303 10 19	--- Li ma jaqbiżx l-40 % skont il-piż	Eżenti [6]
2303 10 90	-- Oħrajn	Eżenti [6]
2303 20	- Polpa tal-kannamieli, bagasse u skart ieħor tal-manifattura taz-zokkor:	
2303 20 10	-- Polpa tas-selq	Eżenti [6]
2303 20 90	-- Oħrajn	Eżenti [6]
2303 30 00	- Fond u skart mill-fermentazzjoni jew mid-distillar	Eżenti [6]
2304 00 00	Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk miħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja	Eżenti [6]
2305 00 00	Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk miħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-karawett	Eżenti [6]

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)
1	2	3
2306	Il-pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' xaħmijiet u żjut veġetali jew mikrobiċi, għajr dawk tal-intestatura 2304 jew 2305:	
2306 10 00	- Taż-żrieragħ tal-qoton	Eżenti (6)
2306 20 00	- Taż-żerriegħa tal-kittien	Eżenti (6)
2306 30 00	- Taż-żerriegħa tal-ġirasol	Eżenti (6)
	- Taż-żerriegħa tal-lift jew tal-kolza:	
2306 41 00	-- Taż-żerriegħa tal-lift jew tal-kolza b'aċidu eruċiku baxx	Eżenti (6)
2306 49 00	-- Oħrajn	Eżenti (6)
2306 50 00	- Tal-ġewż tal-Indi jew tal-kopra	Eżenti (6)
2306 60 00	- Tal-ġewż tal-palm jew il-qlub tagħhom	Eżenti (6)
2306 90	- Oħrajn:	
2306 90 05	-- Tas-sufara tal-qamħirrum (qamħ)	Eżenti (6)
	-- Oħrajn:	
2306 90 90	--- Oħrajn	Eżenti (6)
2308 00	Materjali veġetali u skart veġetali, residwi veġetali u prodotti sekondarji, kemm jekk fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, ta' kwalità użata fl-għalf tal-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra:	
2308 00 90	- Oħrajn	1,6 (6)
2309	Preparati li jintużaw fl-għalf tal-annimali:	
2309 90	- Oħrajn:	
2309 90 20	-- Prodotti msemmijin fin-nota addizzjonali 5 ta' dan il-kapitolu	Eżenti (6)
	-- Oħrajn, inkluż it-taħlitiet lesti minn qabel:	
	--- Li fihom il-lamtu, il-glukożju, il-ġulepp tal-glukożju, il-maltodestrina jew il-ġulepp tal-maltodestrina tas-subintestaturi 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 jew il-prodotti tal-ħalib:	
	---- Li fihom il-lamtu, il-glukożju, il-ġulepp tal-glukożju, il-maltodestrina jew il-ġulepp tal-maltodestrina:	

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)
1	2	3
	----- Li ma fihx lamtu jew li fih 10 % jew anqas skont il-piż lamtu:	
2309 90 31	------ Li ma fihx prodotti tal-ħalib jew fih anqas minn 10 % skont il-piż minn dawn il-prodotti	23 €/t (2) (6)
	----- Li fihom aktar minn 10 % iżda mhux aktar minn 30 % skont il-piż lamtu:	
2309 90 41	------ Li ma fihx prodotti tal-ħalib jew fih anqas minn 10 % skont il-piż minn dawn il-prodotti	55 €/t (2) (6)
	----- Li fihom aktar minn 30 % skont il-piż lamtu:	
2309 90 51	------ Li ma fihx prodotti tal-ħalib jew fih anqas minn 10 % skont il-piż minn dawn il-prodotti	102 €/t (2) (6)
	--- Oħrajn	
2309 90 91	---- Polpa tas-selq bil-melassa miżjuda	12 (6)
2309 90 96	---- Oħrajn	9,6 (6)

(1) L-Unjoni timpenja ruħha li tapplika, ħlief għal prodotti li b'mod dirett jew indirett joriġinaw mill-Federazzjoni Russa jew mir-Repubblika tal-Belarussja jew li huma esportati minnhom, dazju f'tali livell u b'tali mod li l-prezz ta' importazzjoni bid-dazju mħallas għal dawn iċ-ċereali ma għandux ikun ogħla mill-prezz ta' intervent effettiv (jew fil-każ ta' modifika tas-sistema attwali, il-prezz ta' appoġġ effettiv) miżjud b'55 %. Id-dazju applikat ma għandu fl-ebda każ jaqbeż id-dazju muri fil-kolonna 3, għaċ-ċereali tal-intestaturi li ġejjin:
ex 1001 qamħ,
1002 segala,
ex 1005 qamħirrum, ħlief żerriegħa ibrida, u
ex 1007 sorgu, ħlief ibridi għaż-żrigħ.

(2) Kwota tariffarja tad-WTO. Din il-kwota mhijiex applikabbli għal prodotti li b'mod dirett jew indirett joriġinaw mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarus jew li huma esportati minnhom.

(3) L-entrata f'din is-subintestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fit-taqsima II, il-paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari.

(4) Rata ta' dazju doganali applikabbli għal prodotti li b'mod dirett jew indirett joriġinaw mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarus jew li huma esportati minnhom.

(5) Dazju doganali applikabbli, ħlief għal prodotti li b'mod dirett jew indirett joriġinaw mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarussja jew li huma esportati minnhom, fejn tapplika rata ta' EUR 95/t.

(6) Dazju doganali applikabbli, ħlief għal prodotti li b'mod dirett jew indirett joriġinaw mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarussja jew li huma esportati minnhom, fejn tapplika rata tad-dazju *ad valorem* ta' 50 %.

(7) L-entrata f'din is-subintestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

(8) Dazju doganali applikabbli, ħlief għal prodotti li b'mod dirett jew indirett joriġinaw mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarussja jew li huma esportati minnhom, fejn tapplika rata tad-dazju *ad valorem* ta' 10 % sal-31 ta' Diċembru 2024, tapplika rata tad-dazju *ad valorem* ta' 20 % mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025 u tapplika rata tad-dazju *ad valorem* ta' 50 % mill-1 ta' Jannar 2026.